**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 10 ta` April 2019**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**MASAUD KHALIFA ABOU HARUS**

**Kump Nru 1149/2006**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Masaud Khalifa Abou Harus** detentur tal-passaport Libyan bin-numru 647480, gie akkuzat talli:

1. Fit-28 ta' Jannar 2002 mill-hanut bl-isem 'Gremlins' sitwat fi Triq il-Kappillan Mifsud Hamrun ikkommettejt serq ta' kwantita ta' apparat cellulari ghad-dannu ta' Ronald Zammit minn Hal-Lija liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000)

2. Fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara, jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Ronald

Zammit, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500)

3. Fis-7 ta' Frar 2002 mill-hanut bl-isem 'Economical Stationery' sitwat fi Triq il-Kbira San Guzepp Hamrun ikkommettjet serq ta' kwantita ta' apparat cellulari ghad-dannu ta' Eric Cutajar mill-Hamrun liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000)

4. Fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara, jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' Eric Cutajar, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500)

5. Fis-6 ta' Novembru 2001 fi Triq Locker Sliema kkommettejt serq ta' stereo tal-marka 'Kenwood' minn vettura tal-ghamla Opel Corsa bin-numru tar-registrazzjoni LOU068 ghad-dannu ta' Louise Formosa minn Ta'Xbiex, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bix-xorta tal-haga misruqa.

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Louise Formosa, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500)

7. Fl-istess dati u cirkostanzi xjentement lqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta jew barra mninn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom.

8. U finalment talli sirt recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset il-verbal ta` llum stess fejn l-ufficjal prosekutur ddikjara li sa llum l-imputat ghadu lanqas biss gie nnotifikat bit-tahrika mahruga kontra tieghu;

Qieset illi l-allegati reati jirrisalu sahansitra sa Novembru 2001;

Qieset id-dati relevanti u d-dispozizzjonijiet tal-ligi kriminali li jirregolaw il-preskrizzjoni.

**Konkluzjoni;**

**Ghall-mottivi premessi din il-Qorti tiddikjara l-azzjoni mertu ta' din il-kawza bhala Preskritta.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur